ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2014**

# IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) L-Iskema tal-Marki

**Taqsima A**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. C** | **2. B** | **3. C** | **4. B** | **5. A** | **6. B** | **7. C** | **8. B** | **9. A** | **10. C** |

**(10 marki)**

It-tweġibiet li ġejjin huma biss indikattivi, għalhekk tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.

**Taqsima B**

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1. | 5 (2,1,1,1) | Nies qiegħda huma dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol iżda ma jsibux min iħaddimhom. **Kawżi għall-qgħad**: kumpanija tfalli u tkeċċi lill-ħaddiema; l-użu ta' aktar apparat sofistikat u teknoloġiku li jieħu post il-ħaddiem; in-nuqqas ta' taħriġ jista' jwassal biex ħaddiema jitilfu xogħolhom; kumpaniji jingħaqlu biex jinfetħu f'pajjiżi fejn il-pagi huma aktar baxxi (*tliet eżempji minn dawn*). |
| 2. | 6 (3,1,1,1) | **Relazzjonijiet industrijali** huma dawk it-taħditiet bejn min jaħdem u min iħaddem biex jassiguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu favorevoli għall-partijiet ikkonċernati. L-imsieħba soċjali huma l-gvern, min iħaddem u l-ħaddiem li għalih ħafna drabi jkun rappreżentat minn trejd unjon. |
| 3. | 5 (2,1,1,1) | Ir-rwol ta' trejd unjon hu li taqbeż għad-drittijiet tal-ħaddiema biex tara li dawn ikollhom ambjent tajjeb fejn jaħdmu u li jiġu stmati kif jixirqilhom għax-xogħol li jagħmlu.<br><br>*Tliet eżempji minn*: GWU, MUT, GRTU, UHM. |
| 4. | 4 (1,1,1,1) | **Is-settur primarju**: fejn il-bniedem ifittex il-materja prima, ir-riżorsi pprovduti min-natura permezz tal-biedja, is-sajd, ix-xogħol fil-barrieri u t-tħaffir għaż-żejt, għall-gass jew għall-faħam. **Is-settur sekondarju**: ix-xogħol tal-manifattura u l-produzzjoni bħal dak li jsir fil-fabbriki, fl-industrija tal-bini u fit-tarznar. **Is-settur terzjarju**: dak tas-servizzi, bħalma huma s-servizzi bankarji, dawk turistiċi, tat-telekomunikazzjoni u tal-professjoni bħat-tabib, l-għalliem, l-avukat u l-perit. **Is-settur kwaternarju**: dak ta' riċerka u tal-IT. |
| 5. | 5 | *Ħames eżempji minn*: elmi, ġagagi, żraben, ingwanti, maskri u nuċċalijiet apposta, kollha b'materjal protettiv li jista' jsarraf fid-differenza bejn il-ħajja u d-diżgrazzja fuq il-post tax-xogħol. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima C**

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1. | 5 | Ngħidu li l-ebda bniedem mhu gżira għax ħadd ma jista' jgħix waħdu, kulħadd huwa bżonn xulxin, sirna interdipendenti u għandna bżonnijiet emozzjonali u funzjonali li bilfors irridu naqdu ma' persuni oħra. |
| 2. | 5<br>(3,1,1) | **Grupp ta' pressjoni** hu grupp ta' nies li jingħaqdu flimkien għax jaqblu dwar xi għan u biex jagħmlu pressjoni fuq il-gvern u l-poplu biex dawn jinfluwenzaw it-tmexxija tal-pajjiż. Ħafna drabi dawn ikunu jirrappreżentaw idea ta' minoranza.<br><br>*Żewġ eżempji minn:* Moviment Ħarsien Ħondoq, Flimkien għal Ambjent Aħjar, Ramblers Association, Nature Trust, Din l-Art Ħelwa, Birdlife Malta u Graffitti (*Tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati*). |
| 3. | 5<br>(3,1,1) | ***Peer group*** hu l-grupp ta' ħbieb tal-istess età li fih iqattgħu ħafna ħin flimkien u jinfluwenzaw ħafna lil xulxin. Ġeneralment dawn l-iktar li nsibuhom fis-snin tal-adolexxenza u ż-żgħożija.<br><br>Jistgħu jagħtu direzzjoni u skop fil-ħajja, iżda jistgħu wkoll iqabbdu vizzji bħat-tipjip, ix-xorb alkoħoliku, u l-abbuż mid-droga.<br>*Eżempju wieħed ta' ġid u ieħor ta' ħsara.* |
| 4. | 5<br>(3,1,1) | Il-**multikuturaliżmu** jseħħ f'soċjetà li fiha tħaddan il-pluralità ta' kulturi differenti. Ħafna drabi dan jiġri minħabba l-globalizzazzjoni, il-midja u t-taħlit flimkien ta' nies differenti.<br><br>*Żewġ eżempji minn*: sirna nieklu ħafna *junk food*, nilbsu moda Ewropea, iż-żgħażagħ jiġu influwenzati minn mużika moderna Kontinentali jew Amerikana, kif ukoll niddakkru soċjalment minn films kummerċjali Amerikani u Ewropej. |
| 5. | 5<br>(3,2) | Jekk il-kunflitt jiġi kkontrollat tant li ma jsirx qerriedi dan jista' jkun forza ta' ideat ġodda u progressivi li jistgħu jwasslu għall-bidliet meħtieġa f'soċjetà li trid tkompli fit-triq tal-iżvilupp.<br><br>*Eżempju wieħed minn*: il-ġlieda għad-drittijiet tan-nisa; il-ġlieda għad-drittijiet tas-suwed fl-Istati Uniti; il-ġlieda għat-tneħħija tal-*apartheid* fl-Afrika t'Isfel; il-waqgħa tal-ħajt tal-Berlin fil-Ġermanja; argument bejn żewġt iħbieb iwassal għal ideat ġodda. *Eżempji oħra validi għandhom jiġu aċċettati.* |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima D**

Il-15-il marka jingħataw skont id-dettall tat-tweġiba u skont kemm juru li jafu s-suġġett. Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.

1. **Il-qgħad** jagħmel ħsara lill-individwu għax dan jitlef kull sens ta' identità u valur fih innifsu, filwaqt li jibda jħossu inutli u bla direzzjoni fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Iżda barra dan, il-qgħad iġib problemi fuq il-familji meta dawn ma jkollhomx flus deħlin, u għalhekk jistgħu jaslu biex jirrikorru għas-serq biex ikollhom biex jgħixu jew inkella għal xi vizzju, bħad-droga, minħabba d-disprament li jsibu ruħhom fih. It-tfal jispiċċaw nieqsa minn ħafna affarijiet, inkluż dawk li jkunu meħtieġa għall-ħajja.

2. **Familja estiża** hi waħda fejn issib tliet ġenerazzjonijiet jew iktar jgħixu taħt l-istess saqaf. Ħafna drabi dawn ikunu ċentri ekonomiċi, awtosuffiċjenti u jieħdu ħsieb il-membri tal-familja kollha tagħhom mit-twelid sal-mewt. L-anzjani kienu l-edukaturi tal-ulied u kulħadd kien jagħti sehmu fix-xogħol tad-dar u tal-agrikoltura.
   **Il-familja nukleari** saret waħda indipendenti, monetizzata u mobbli, magħmula biss minn żewġ ġenerazzjonijiet, il-ġenituri u wliedhom. It-tfal bdew jintbagħtu l-iskola għall-edukazzjoni tagħhom filwaqt li l-anzjani dipendenti kellhom ifittxu djar apposta fejn jgħixu. Ir-rwoli xorta baqgħu sterjotipati, bir-raġel bħala l-*breadwinner* u l-mara biex tieħu ħsieb id-dar u l-ulied.
   **Familja simmetrika** hi waħda fejn il-ġenituri jaqsmu bejniethom l-obbligi kollha għall-ħarsien tal-ulied u l-manteniment tad-dar konjugali. In-nisa saru jaħdmu barra mid-dar u jgawdu mill-istess drittijiet daqs l-irġiel f'din it-tip ta' familja.

3. Daż-żmien f'Malta sar għandna kemm gvern ċentrali kif ukoll gvernijiet lokali li jissejħu kunsilli lokali. Dawn jintgħażlu minn nies tal-lokal permezz ta' elezzjonijiet li jsiru kull tliet snin biex jintgħażlu s-sindku u l-kunsilliera skont id-daqs tal-lokal. Ngħidu li dawn iżidu l-idea ta' demokrazija għax jinvolvu iktar lill-poplu fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-pajjiż, inkluż fuq livell lokali. Liċ-ċittadin jipprovdulu ħafna servizzi u jrawmu fih sens ta' interess f'dak li għandu x'jaqsam mar-raħal tiegħu.

**(15-il marka)**

**Taqsima E**

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tiġi aċċettata.
Il-25 marka għandhom jitqassmu hekk:
20-25: tajba ħafna
15-19: tajba
12-14: mhux ħażina
0-11: mhux tajba
L-istudenti huma mistennija joħorġu b'ideat bħal:

1. a) L-**imġiba devjanti** hi waħda li ma tkunx bħal dik tal-maġġoranza tal-pajjiż, li għalhekk tmur lil hinn min-normi, il-valuri u l-liġijiet aċċettati fis-soċjetà fi żmien partikolari. Żewġ eżempji jistgħu jkunu ta' nies li jħaddnu xi tip ta' moda differenti bħall-*punks* jew ir-*rockers*, id-drogati u nies oħra bi mġiba differenti, stil ta' ħajja jew dehra differenti minn ta' persuni oħra. (5 marki: 3,1,1)
   b) **Sanzjonijiet** huma bħal premji jew kastigi li jintużaw mis-soċjetà biex jirregolaw l-imġiba tan-nies. Sanzjoni pożittiva tista' tkun xi midalja jew unur mogħti bħala apprezzament ta' mġiba mixtieqa, filwaqt li sanzjoni negattiva hi xi kastig li jingħata għal imġiba mhux aċċettabli mis-soċjetà bħal sentenza ta' ħabs, jew xi *trade embargo* minn pajjiż fuq ieħor. (5 marki: 3,1,1)
   c) Imġiba devjanti mhux dejjem hi ta' ħsara. Fil-fatt, ħafna żgħażagħ isegwu sottokultura bħala stil ta' ħajja tagħhom u ħafna drabi dan hu mod ta' kif is-soċjetà tagħmel progress fl-ideat tagħha. Hi biss meta din l-imġiba tikser il-liġi li din tkun ta' dannu għas-soċjetà. Iżda ħafna nies huma konservattivi fl-ideat tagħhom u kull tip ta' differenza jistkerrhuha anke meta din ma tkun ta' ħsara għal ħadd. L-iskejjel ukoll ma jaċċettawx imġiba differenti minn tal-grupp dominanti, anzi jistennew li jkun hemm konformità sħiħa kemm fl-uniformi kif ukoll fir-regoli tal-iskola. (15-il marka)

2. a) **Repubblika demokratika** hi waħda fejn il-kap tagħha jkun il-President elett mill-Parlament u mhux xi ħadd li jiret il-poter tiegħu bħal f'monarkija. Dan hu demokratiku għax il-persuni fil-kariga jeżerċitaw dan il-poter f'isem il-poplu li għażilhom bħala rappreżentanti tiegħu permezz ta' elezzjoni ħielsa (*żewġ eżempji minn dawn*). (5 marki)

b) **Drittijiet fundamentali** huma drittijiet bażiċi li kull persuna hija intitolata għalihom, sempliċiment għaliex din hi umana. Id-drittijiet tal-individwu huma d-dritt għall-opinjoni, tal-moviment, tat-twemmin ħieles u tal-ħajja (*żewġ eżempji minn dawn*). (5 marki: 3,1,1)

c) Id-demokrazija bħala sistema ta' tmexxija hi bbażata fuq ir-rieda tal-poplu. Tagħti d-dritt lil kull ċittadin li jipparteċipa f'kulma jiġri fil-pajjiż. Ma tagħtix biss id-dritt tal-vot, iżda wkoll id-dritt li persuna tgawdi minn dak kollu li jistħoqqilha biex tgħix bid-dinjità bħala persuna umana. Għaldaqstant, mingħajr dawn id-drittijiet anke jekk l-individwi jkollhom id-dritt tal-vot xorta ma jkunx hemm id-demokrazija. (15-il marka)

3. a) Is-**settur tal-manifattura** huwa magħruf ukoll bħala s-settur sekondarju tal-ekonomija biex nagħrfuh minn dak primarju (tal-biedja u s-sajd) u dak terzjarju (tas-servizzi). Huwa s-settur fejn il-materja prima tiġi maħduma u pproċessata. (3 marki)

b) Fost id-diversi setturi l-istudenti jistgħu jsemmu: it-tessuti, il-*micro-electronics* u dak tal-kimika. (3 marki: 1,1,1)

c) F'Malta dan qed jonqos għax it-teknoloġija qed tipprovdi lill-industrijalist b'iktar prodott b'inqas nies. Hemm ukoll aktar ċaqliq lejn l-industrija tas-servizzi. Ix-xogħol qed jingħata lill-pajjiżi fejn il-ħaddiema jiġu mħallsa b'pagi iktar baxxi minn dawk ta' Malta (*żewġ eżempji minn dawn*). (4 marki: 2,2)

d) Il-ħaddiema fis-settur tas-servizzi qed jiżdied meta mqabbel ma' dak tal-manifattura. Qed ikollna iktar ħaddiema mhux manwali milli manwali u iktar domanda għall-ħaddiema speċjalizzati u professjonali. Qed jintalbu wkoll kwalifiki iktar għoljin. *Eżempji oħra validi għandhom jiġu aċċettati.* (15-il marka)

4. a) Il-**proċess ta' soċjalizzazzjoni** hu proċess ta' tagħlim li jtul il-ħajja tal-bniedem kollha imma l-iktar tagħlim isir fl-iktar snin bikrija tal-ħajja. Jiġu mgħallma l-valuri, in-normi u r-regoli ta' mġiba biex membru ġdid jiġi integrat fis-soċjetà li jrid jgħix fiha. (4 marki)

b) L-**aġenti primarji** huma l-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u f'Malta n-nanniet ukoll. L-**aġenti sekondarji** huma l-edukaturi fl-iskejjel jew tad-duttrina u l-*peer group*. Hemm ukoll il-midja, il-post tax-xogħol, u l-għaqdiet fil-komunità. (3, 3 marki)

c) Is-soċjalizzazzjoni hi ta' ġid għall-individwu għax kull membru ġdid għandu bżonn ikun jaf ir-regoli u l-mod kif għandu jġib ruħu fis-soċjetà li jrid jgħix fiha, inkella jkun qisu ħuta barra mill-ilma! Hu ta' ġid għas-soċjetà għax iktar ma jkollha membri integrati fiha li jsegwu n-normi u l-liġijiet tal-pajjiż għax verament jemmnu fihom, inqas se jkun hemm bżonn ta' żamma tal-kontroll soċjali. (15-il marka)

**(25 marka)**
**Total tal-karta: 100 marka**